# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 2.3

**Kap 2: Ejja nsiru aħjar**

**Lezzjoni 2.3: Tini daqqa t'id, trid?**

**L-għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jirrevedu l-kelma ' komunità.'
2. Jagħrfu s-similaritajiet li hemm fl-għaqdiet diversi li jmorru.
3. Jifhmu kif l-għajnuna minn dawn il-komunitajiet tagħmel il-ħajja aħjar.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint - Mid-Djarju Ta' Robert
- Song: *People In Our Community* –Busy Beavers

  http://www.youtube.com/watch?v=mw6RBvUmayA

- 2.3 worksheet mill-Ktieb



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Staqsi lit-tfal jekk jiftakrux x'jifhmu b'komunità.

- Spjega: Sa minn ċkunitna, ħajjitna dejjem kienet tiddependi min-nies li jgħinuna nikbru. Qabel nitkellmu ftit fuqhom, ejjew nittawlu ftit fid-Djarju ta' Robert. Araw flimkien il-ppt dwar Robert.

- Agħmlu lista ta' persuni li ssemmew li Robert kien jiddependi fuqhom.

- Kompli żid mat-tfal fil-lista l-kumplament tan-nies li jissemmew li taw servizz f'dak il-jum li Robert kiteb fid-Djarju.

- Iddiskuti: Taħseb li Robert kien japprezza n-nies qrib tiegħu li kienu jieħdu ħsiebu? Għaliex?



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. Spjega: Kemm hu faċli tidra n-nies li tara kuljum u teħodhom *for granted*. Kemm hu faċli tistenna lil ħaddieħor jaqdik bla ma turih apprezzament.
   Min-nies kollha li joffrulna servizz, bħall-ġenituri, l-għalliema, dawk li jieħdu ħsieb l-indafa fit-toroq, il-pustier, ix-xufier li jwassalna l-iskola... kemm-il darba ngħidulhom 'grazzi'?

2. Kieku ma kienx għal dawn in-nies kieku ħajjitna ma tibqax l-istess.
   *Ejjew nagħmlu ezerċizzju ċkejken. Spjega:* Immaġinak tqum filgħodu, ipprepara l-kollazzjon waħdek – ara fejn se tagħmel l-iskart għax ħadd mhu ġej jiġbru - mur l-iskola bil-mixi, ipprova tgħallem kull suġġett waħdek – ejja d-dar – sajjar – naddaf – u mur orqod. U l-għada erġa' għamel l-istess.

3. Issa f'moħħok agħmel lista ta' dawk in-nies li tiltaqa' magħhom kuljum, u agħti marka lilek innifsek minn 1 sa 10 kemm tapprezza dak li jagħmlu għalik.

4. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 2.3 u wara li tispjega s-silta mogħtija, stieden lit-tfal biex jiddiskutu flimkien Attivita` 1. Wara jkun hemm ħin biex huma jiktbu u jpinġu l-komunità li hija ta' għajnuna għalihom.

5. Spjega Attività 2 u fuq bażi ta' klassi ddiskuti mat-tfal biex huma jaslu li jgħaqqdu s-sentenzi.

6. Asal għal Attività 3. Oħloq diskussjoni dwar l-importanza li ma ngergrux ħalli kull fejn inkunu nġibu l-ferħ.

7. Agħlaq il-lezzjoni billi ssemma' l-kanzunetta *People In Our Community* - Busy Beavers.

8. Agħlaq din il-lezzjoni b'talba, jew b'dik li hawn fil-lezzjoni, jew inkella ħalli lit-tfal jaqsmu ma' xulxin dak li jkunu kitbu fil-Ktieb.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Alla pprovdilna nies li jieħu ħsiebna. Tajjeb li nuruhom l-apprezzament tagħna u ngħidulhom 'grazzi' ta' spiss. Ftakar li ħajtek tkun ferm differenti mingħajrhom!
2. Fil-komunitajiet li nkunu ħa nsibu nies li ġejjin minn kulturi differenti u twemmin differenti.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru rispett lejn kull persuna li tagħtihom servizz għaliex b'hekk juruhom li jħobbuhom u li jgħinuhom jikbru.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

People In Our Community

[http://www.youtube.com/watch?v=mw6RBvUmayA](http://www.youtube.com/watch?v=mw6RBvUmayA)



## Nitolbu

Grazzi Mulej, li dawwartni b'nies li jieħdu ħsiebi. Permezz ta' dawn in-nies int turini kuljum kemm tħobbni. Nitolbok għalihom ħalli inti tieqaf magħhom u tberikom f'kull jum ta' ħajjithom.

